**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 177/2020 AGV ;</u>**

**AB**

**U**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet A U CB ,** datat 19 ta' Gunju 2020, fejn esponew bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-Knisja l-Qadima ta' Santa Venera nhar id-19 ta' Settembru 2009, liema zwieg gie registrat fir-registru pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv , 1672/2009 u dan kif jidher mic- certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

2. Illi l-esponenti sseparaw minn xulxin b' mod de facto mis-sena 2014 fil-waqt li s-seperazzjoni giet konkluza permezz ta' kuntratt ta' seperazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Sandra Grech Cordina datat 11 ta' Mejju 2020, liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;
3. Illi minn daz-zwieg huma kellhom zewgt itfal, u cjoe' DB li twieldet nhar il- 5 ta' Ottubru 2010, u EB , li twieldet nhar il-2 ta' Awwissu 2011 u dan kif juri ic-certifkat tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok. C u Dok. D;
4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom tant illi il-partijiet ilhom separati de facto mis-sena 2014 u ghalhekk ilhom seperati ghal izjed minn erba' snin matul il-hames snin precedenti dan l-umli rikors u b' hekk jissodisfaw il-kriterja tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Illi dwar manteniment l-esponenti jiddikjaraw li ai termini tal-artikolu 7 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni huma rrinzunjaw ghall-manteniment versu xulxin filwaqt illi ghar-rigward tal-minuri D u EB , l-esponenti AB , obbliga ruhu li jhallas s-somma ta' 250 Ewro ghal kull wild.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfsaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.
7. Illi l-esponenti CB tixtieq tirreverti lura ghal kunjom xbubitha u cjoe' F.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti, qed tigi umilment mitluba sabiex;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.
b. Tordna lir-registraur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

c. Tawtorizza lil CB, tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe' F.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tilqa it-talba li CB ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha, cjoe' F.

Spejjez jibqghu bla taxxa.
Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**